# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' April 2016**

**Kawza Numru : 32**
**Rikors Guramentat Numru : 85/2016/LSO**

**Dimitrov Georgi Dzhingarov IDMT2536531 u Tsvetelina Stoynova Pencheva ID39862A, f' isimhom propju u bhala kuraturi *ad litem* ta' binhom minuri Nikola Dzhingarov.**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Dimitrov Georgi Dzhingarov IDMT2536531 u Tsvetelma Stoynova Pencheva ID39862A, datat 1 ta’ Frar 2016, u l-istess Tsvetelma Stoynova Pencheva bil-gurament taghha esponiet :-

Illi fl-14 t'Awwissu 2015, lir-rikorrenti twieldilhom tarbija tas-sess maskil li r-rikorrenti flimkien tawh l-isem ta' Nikola Dzhingarov li ghandu c-certifikat tat-Twelid bin-numru 4468 tas-sena 2015 (liema certifikat anness u mmarkat bhala Dokument 'A');

Illi kif jidher minn traduzzjoni tal-Att tat-Twellid Bulgaru tal-istess rikorrenti, Tsvetelina Stoynova Pencheva u cioe' omm t-tarbija fuq msemmija, Nikola Dzhingarov, li qed jigi mmarkat bhal Dokument B, fil-fatt il-kunjom tal-istess Tsvetelina Stoynova Pencheva huwa 'Pencheva' u mhux Pancheva;

Illi b'zvista il-kunjom tar-rikorrenti omm l-istess tarbija gie mnizzel fuq l-Att tat-Twellid fuq msemmi bhala 'Pancheva' flok 'Pencheva';

Illi sabiex kemm jista’ jkun ma jinholqux kumplikazzjonijiet bla bzonn fil-futur ghall-istess tarbija Nikola Dzhingarov, r-rikorrenti hassew li kellhom jirrikorru ghal din l-Onorabbli Qorti sabiex l-istess Qorti tawtorizza u tordna lill-intimat sabiex jinkorpora l-korrezzjoni idoneja fl-Att tat-Twelid tal-istess Nikola Dzhingarov;

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kunjom tal-istess tar-rikorrenti Tsvetelina Stoynova Pencheva, omm Nikola Dzhingarov, gie mnizzel b'mod erroneju fuq l-Att tat-Twelid tal-minorenni, Nikola Dzhingarov u

2. Konsegwentement tordna u tawtorizza lill-istess intimat, Direttur tar-Registru Pubbliku, sabiex fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Nikola Dzhingarov, li jgib n-Numru 4468 tas-sena 2015 (Dokument A) taht il-kolonna 'Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-omm' jithassar il-kunjom 'Pancheva', u jigi sostitwit bil-kunjom 'Pencheva';

Bl-ispejjez, kollha kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta’ April 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 7 ta’ Marzu 2016 (fol 26) fejn Dr. Byron Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta’ l-istess Direttur, bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma :

1. Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b’ordni tal-Qorti, ta’ lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi preliminarjament mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jeċċepixxi li in vista tal-fatt illi hemm il-possibilita illi din il-kawża tista tirriżulta f'emendi fl-Att tat-Twelid tal-minuri tar-rikorrenti, cioé Nikola Dzhingarov, li jġib in-numru progressiv ta' erbat elef, erba' mija, tmienja u sittin (4468) tas-sena elfejn u ħmistax (2015), huwa indispensabbli għall-benefiċċju ta' l-integrita tal-ġudizzju, li għandha tiġi msejħa kjamata fil-kawża l-fuq riferita minuri tar-rikorrenti, ai termini tal-**Artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li l-istess msemmija minuri għandha ukoll tiġi debitament rapprezentata minn kuraturi *ad litem* skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 781 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. Illi bla ħsara għas-suespost u fil-mertu, l-esponent ma jsibx oġġezzjoni għall-korrezzjoni ta' kunjom ir-rikorrenti Tsvetelina Stoynova Pencheva kif mitlub fir-rikors in risposta iżda jirrileva illi qabel ma l-att in kwistjoni jgħaddi għar-reġistrazzjoni, l-att jiġi mgħoddi lil persuna li tkun għamlet in-notifika sabiex tara li l-informazzjoni fl-att hija korretta u biex sussegwentament tiffirma l-istess att. Għaldaqstant fil-każ *de quo*, l-att tat-twelid in kwistjoni li jġib in-numru progressiv ta' erbat elef, erba' mija, tmienja u sittin (4468) tas-sena elfejn u ħmistax (2015) hawn anness u mmarkat bħala 'Dok DRP 1', kien ġie ċċekjat u ffirmat miż-żewġ ġenituri, cioè r-rikorrenti Georgi Dimitrov Dzhingarov u Tsvetelina Stoynova Pencheva, fejn b'dan huma wrew li kienu qiegħdin jaċċettaw l-informazzjoni fl-istess att. B'hekk id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandhux jiġi akkoljat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

4. Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

5. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta muzmuma l-Hamis, 14 ta' April 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Joseph Bonello ghar-rikorrenti prezenti, u Dr Stephanie Borg u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. B'referenza ghat-tieni eccezzjoni tad-Direttur Intimat fuq talba tar-rikorrenti mhux opposta, l-Qorti qed tahtar lill-istess rikorrenti bhala kuraturi *ad litem* tal-istess rikorrenti u tordna l-korrezzjoni tal-okkju billi wara l-kunjom "Pencheva" u l-karta tal-Identita` rispettiva jizdiedu l-kliem "f'isimhom proprju u bhala kuraturi *ad litem* ta' binhom minuri Nikola Dzhingarov" kull fejn hu mehtieg. L-intimati taw ruhhom b'notifikati bil-

korrezzjonijiet, u ghal kull *buon fini* r-rikorrenti jghaddu ruhhom b'notifikati bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza. Ir-rikorrenti irtira t-talba tieghu dwar il-kap tal-ispejjez. Dr Stephanie Borg iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' April 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili, li jaghti dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-3 ta' Frar 2016, (fol 17-18) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi t-tieni eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni tat-talba attrici awtorizzata b'digriet tal-14 ta' April 2016.

**Tsvetelina Stoynova Pencheva** xehdet b'affidavit (fol 23) u qalet li wara t-twelid tat-tarbija, hi u s-sieheb taghha marru jirregistraw lit-tifel taghhom, izda fl-att tat-twelid tat-tifel, Dok A, kunjomha tnizzel bhala Pancheva. Ghalhekk, qed titlob l-awtorizazzjoni biex id-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun jista' jaghmel il-korrezzjoni mehtiega.

**Dimitrov Georgi Dzhingarov** xehed b'affidavit (fol 24) u kkonferma li meta twieled it-tarbija taghhom Nikola, marru jirregistrawh, izda, kunjom omm it-tarbija tnizzel bhala "Pancheva" minflok "Pencheva" fl-att tat-twelid.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-kunjom tal-omm kif registrat fuq ic-certifikat tat-twelid ta' binhom jigi korrett, billi kien hemm zball, u taht il-kolonna "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Omm", kunjom l-omm jigi korrett bil-kunjom "Pencheva" minflok "Pancheva."

Fost id-dokumenti esebiti, hemm ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti Tsvetelina Stoynova Pencheva, omm il-minuri Nikola Dzhingarov bil-lingwa Bulgara, u tradott bil-lingwa Ingliza, esebit bhala **Dok B** (fol 6-8). Mid-dokumenti u mill-provi din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrenti ppruvaw li l-kunjom ta' omm il-minuri Nikola Dzhingarov, huwa "Pencheva". Ghalhekk, il-Qorti ser takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-korrezzjoni mitluba.

Referibbilment ghall-kwistjoni tal-ispejjez, il-Qorti taqbel mat-tezi tal-intimat li kienu l-istess rikorrenti li kkonfermaw d-dettalji li gew registrati fuq l-att tat-twelid ta' binhom, hekk kif jirrizulta minn **Dok DRP1** (fol 30). Ghalhekk, l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri. Fil-fatt, ir-rikorrenti rtiraw it-talba taghhom dwar il-kap tal-ispejjez.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti fis-sens, tilqa' l-istess u tiddikjara u tiddeciedi li l-kunjom tar-rikorrenti Tsvetelina Stoynova Pencheva, omm Nikola Dzhingarov, gie mnizzel b'mod erroneju fuq l-Att tat-Twelid tal-minorenni, Nikola Dzhingarov u konsegwentement tordna u tawtorizza lill-istess intimat, Direttur tar-Registru Pubbliku, sabiex fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Nikola Dzhingarov, li jgib in-Numru 4468 tas-sena 2015 (Dokument A) taht il-kolonna 'Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-omm' jithassar il-kunjom 'Pancheva', u jigi sostitwit bil-kunjom 'Pencheva'.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il- Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-kap 16** tal-ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' April 2016**